**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 30/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Anthony D'Alfonso**

Illum, 10 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Anthony D'Alfonso, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0633554M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Lulju 2021, għall-ħabta ta' l-10:30am, ġewwa l-Armier, limiti tal-Mellieħa, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-Liġi izda biss biex jezerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil Jane D'Alfonso tħallas dejn jew teżegwixxi obligazzjoni tkun li tkun, jew fixxkel lill-istess Jane D'Alfonso fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjiġha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Jannar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali, iddikjarat lill-imputat Anthony D'Alfonso ħati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundanatu għall-multa ta' mitt Ewro, kif ukoll ordnatlu jagħti kopja taċ-

ċwievet kollha li jagħtu aċċess għall-boathouse 13/14/15 ġewwa l-Armier fi zmien ġimgħa mid-data tas-sentenza taħt penali ta' għaxar Ewro kuljum għal kull jum ta' ritard.

Rat ir-rikors tal-appellant Anthony D'Alfonso, ippreżentat fis-7 ta' Frar 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2022 fl-ismijiet fuq premessi fejn l-appellant instab ħati tal-akkuza dedotta fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant jivventila essenzjalment zewġ aggravj fl-appell minnu ntentat u ċioe':

i) Li hemm nuqqas ta' provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi kien l-appellant li biddel is-serratura u li ċaħħad jew fixkel lill-kwerelanti fil-pussess ta' ħwejjiġha, u
ii) Li l-akkuża hekk kif dedotta fil-konfront tal-appellant ma tista' qatt tirriżulta u dan għaliex ma hemm ebda prova in atti li tindika li l-allegat att inkriminatorju seħħ fil-jum indikat fl-akkuża u ċioe' fid-9 ta' Lulju 2021.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel ma tinoltra ruhha f'konsiderazzjonijiet dwar l-aggravju marbut mal-mertu, il-Qorti trid l-ewwel u qabel kollox tqis it-tieni lanjanza ventilata mill-appellant meta huwa jargumenta illi ma hemm ebda prova in atti li tindika illi l-allegat reat ġie kommess fid-data u l-ħin indikati fl-akkuża. L-appellant jisħaq li jekk seħħ il-bdil tas-

serratura in kwistjoni , tali bdil probabilment seħħ fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel id-9 ta' Lulju 2021 u mhux neċessarjament f'dak il-jum speċifiku.

Illi minn eżami tal-atti jemerġi illi d-data indikata fl-akkuża, u ċioe' id-9 ta Lulju 2021, tirrifletti il-jum meta l-kwerelanti ppruvat taċċessa l-*boathouse* li hi tippossjedi in komun ma' żewġha l-appellant u sabet s-serratura mibdula mingħajr il-kunsens tagħha. Di fatti, kien propju dakinhar stess li l-kwerelanti rrikorriet l-għassa tal-Pulizija sabiex tirraporta dan l-aġir. Illi allura huwa indubitat illi f'dan il-jum il-kwerelanti Jane D'Alfonso ma setatx tkompli fit-tgwadija tal-propjeta' tagħha minħabba allegatament l-aġir inkriminatorju ta' l-appellant.

Illi huwa indubitat ukoll illi fiż-żmien indikat fl-akkuża l-allegat stat anti ġuridiku kien fis-seħħ. Illi l-appellant, iżda, ma jinsabx mixli bir-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali fil-forma kontinwata' tiegħu, kif lanqas hemm indikat fiċ-ċitazzjoni illi l-att pozittiv jew negattiv li wassal għal konsumazzjoni tar-reat seta' seħħ fil-ġranet jew xhur preċedenti din id-data u ċioe' dik tad-09 ta' Lulju 2021. Iċ-ċitazzjoni tindika data u ħin preċizi li fih ġie kommess ir-reat ċioe' dik tad-09 ta' Lulju 2021 għal ħabta tal-10:30 ta' filgħodu. Illi mill-provi li hemm fl-atti jemerġi illi din id-data u l-hin jindikaw iż-żmien meta il-kwerelanti għamlet ir-rapport tagħha lil pulizija u mhux meta seħħ l-att inkriminatorju biex b'hekk l-appellant qatt ma jista' jinsab ħati illi f'dik id-data u ħin speċifiku huwa ikkometta l-att materjali li wassal għal konsumazzjoni tar-reat billi f'dik id-data u f'dak il-ħin huwa lanqas ma kien fuq il-post, kif jemerġi mix-xiehda stess tal-kwerelanti li stqarret li meta aċċediet għal *boathouse* u sabitha imsakkra hija ma ratx lil żewġha fuq il-post.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> **"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……"**

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali filkawza f'l-ismijiet *Il-Pulizija vs John Mary Briffa*, li kienet titratta dwar il-partikularitajiet taz-zmien fic-citazzjoni, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat

b'reati li allegatament seħħew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:

> **"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. ..... Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"**

Illi dan l-istess principju gie riaffermat minn din l-istess Qorti f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Warren Piscopo* u *Il-Pulizija vs Rita Theuma*, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2013. Dan għaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif għandha tiġi redatta iċ-ċitazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet meħtieġa sabiex il-persuna imħarrka tkun tista' tħejji id-difiża tagħha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik iċ-ċitazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati ħażin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma jkunux ġew definiti jew ikunu ġew definiti ħażin.

Konsegwentement, magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, u fid-dawl tal-mod kif il-Prosekuzzjoni għoġobha tixli lill-appellant fiċ-ċitazzjoni imressqa kontra tiegħu, u fid-dawl ukoll tal-fatt illi ebda korrezzjoni ma intallbet sabiex il-parametri tal-imputazzjoni meħuda fiż-żmien jitwessgħu, it-tieni aggravju imqanqal mill-appellant jistħoqqlu akkoljiment billi huwa indubitat illi ebda att vjolattiv li wassal għal konsumazzjoni tar-reat ma seħħ fil-jum u il-ħin speċifiċi indikati fiċ-ċitazzjoni.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost tgħaddi għalhekk biex tirrevoka is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**